# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 27 /2026

**Data tal-laqgħa:** 5 ta' Marzu , 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

## 27.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

27.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan l-istadju ma kienx hemm hemm ittri t' apoloġiji x'jinqraw għaliex il-membri kienu kollha preżenti.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 26

27.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 26 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Kommunikazzjoni mil-banda San Ġuzepp fejn saret talba għal permess għall-imwjjed u siġġijiet ġewwa misraħ Kikrop kif ukoll aċċess għal no parking. Il-membri kollha ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

27.3.2 Komunikaazjoni mil-Head tal-iskola Primarja Ħal Kirkopm is-Sinjura Lorna Schembri fejn saqsiet biex issir laqgħa ħabba -indafa u nuqqas ta' iġene ħabba l-qtates. Is-Sindku kellu kommunikat magħha biex jitkellmu fuq dan ir-rigward.

27.3.3 Komunikat li sar ħabba l-problema ta' iġene mil-ħammiem saret min -naħa tas-sur Bjorn Bonello fejn min-naħa tar-reġjun Tramuntana mhux ħa tingħata ebda risposta ħabba l-petizzjoni rigward 'humane pigeon population control method' għax hemm bosta raġunjiet validiu bbazati fuq studji.

27.3.4 Mil- AKL kien hemm kommunikat li ħa jkun hemm seminar mal-FACES sabiex tipprovdi ħarsa komprensiva lejn pjattaforma online ġdida mfassla biex tappoġġja lill-Kunsilli Lokali fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-installazzjoni, it-tneħħija jew ir-rilokazzjoni ta' bus shelters. Għal dan is-seminar ħa jattendi s-Sindku Matthew Agius Zammit.

27. 3.5 Kommunikat ieħor li sar mir-Reġjun Punent fuq il- fondi u inizjattivi kollha li għandu ir-Reġjun Punent bħala assistenza lill-Kunsilli Lokali għas-sena 2026. Dan jinkludi l-iskema tal-Clean Up SPI/SCI/02/2026 Inizjattiva Finanzjara Lokalitajiet iktar Nodfa.

27.3.5.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resssaq mozzjoni li ġiet isekondata mil-Viċi Sindku Bernice Caruana u fejn il-membri tal-Kunsill kollha qablu b'mod unanimu biex din l-iskema terġa ssir mar-Reġjun Punent.

27.3.6 Sar komunikat biex jingħata trasport għal dawk ir-residenti li jkunu jixtiequ jmorru jaraw il-pelegrinaċċ tar-redentur ġewwa l-Isla. Qabel ħa jsir reklam fuq il-midja soċjali biex jinġabar l-ammont ta' nies li huma interesati.

26.3.7 Kien hemm komunikat mil-Maltapost li wara diversi tentattivi biex jinsab post fuq ġewwa għall- EASIPIK boxes dan ġew b'alterantiva li titwaħal fejn il-Kunsill u ssir tinda ta' lqugħ fuqhom, ma dan kien hem qbil unanimu mil-membri.

## 27.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

27.4.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet kommunikat biex meta jkun hemm attivita' mill-Kunsill Lokali għandu jintbagaħat email lid-deputati tal- 5 distrett u ma dan kien hemm qbil mil-mebri kollha.

27.4.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet fejn kien wasal il-Każ tas-Sinjura Connie mizzi. Iw-Sinku Matthew Agius Zammit wieġeb li l-avukat tagħha għandu jkellem li avukata tal-Kunsill.

27.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar fejn wasal il-proċess fix-xelter u s-Sindku MAttehw Agius Zammit wieġeb li fil-ġimgħat li ġejjin ħa jibda jitbatal mill-ilma.

27.4.3 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet riwrad x'sar fuq il-bozza ta' Triq San Pietru. Is-Sindku Matthew Agius Zammit wieġeb li ħa jiltaqgħu huwa, ir-resident ikkonċernat u ma' rappreżentant tan-Nexos biex b'hekk jaraw l-aħjar soluzzjoni.

## 27.5 Standard of Procedures

27.5.1 Ħa jibda jsir użu minn sistema ta' SOP biex meta jkun hemm attivitajiet bħat-tombla, dan jiġi mimli bil—miżuri kollha li jittieħdu. Ingħat feedbac mil-AKL li din ija pressi tajba u b'hekk ikun hemm trasparenza.

## 27.6 Attivitajiet

27.6.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit semma' l-lista t'attivitajiet li għalissa huma ppjanati, fosthom bi qbil unanimu ġie deċiż li l-attivita ta' Jum l-Omm ssir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju.

27.6.2 Ġie deċiż ukoll biex issir laqgħa biex jibdew il-preparamenti għal Ġieh u Jum Ħal Kirkop.

## 27.7 Neutering tal-Qtates

27.7.1 Mil-membri kollha kien hemm qbil biex mil-fondi tar-re[jun Punent li joffri fuq skips, dawn ħa jiġu użati biex isi neutering tal-qtates biex titnaqqas is-sitwazzjoni ta' ammont ta' qtates li qed ikun hemm madwar Ħal Kirkop.

## 27.8 Laqgħa ġenerali annwali

26.8.1 Il-Laqgħa ġenerali Anwali ħa ssir nhar it-Tlieta 21 t'April fil-5.30. Il-Pubbliku ħa jiġi infurmat permezz tal-midja Soċjali.

## 27.9 Food neighbour Feast

27.9.1 Ġie ssuġġerit mis-Sindku Matthew Agius biex isir Food Neighnour Feast. Din Tirreferi għal ġabra jew attività soċjali fejn il-ġirien jiltaqgħu u jaqsmu l-ikel flimkien. Normalment kull persuna ġġib xi ħaġa x'tiekol, isir f'ambjent informali għandu l-għan li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-ġirien. Iżda din ma ntogħġbitx mil-membri l-oħra għalhekk ma kienx hemm iktar diskussjoni fuqha.

## 27.10 Pjazza għal pjazza

27.10.1 Ġie ssuġerit biex l-Irkottafest tiġi amalgamata mal-applikazzjoni tal-irkottafesta. Ġie ukoll suġerit li d-dati jkunu s-16 jew is-17 ta' Mejju. Il-membri kollha qablu ma' dan għalhekk ħa tintbagħat l-applikazzjoni.

## 27.11 Ġurnata sqallija

27.11.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ta d-dati u l-postijiet ta' eskursjonijiet dwar ġurnata Sqallija li ingħataw mingħand Micallef iżda bħalissa ħa jinżamm kollox kif inhu ħabba l-instabbilta' li hemm ħabba l-gwerra u ħa terġa tii diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 27.12 SKemi mil-Gvern Lokali

27.12.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni li ġiet isekodnata mil-Kunsillier jospeh Schembri u li l-membri tal-Kunsill b'mod unanimu qablu li issir l-applikazzjoni għall-dawn l-iskemi

- **SPI.SCI.01.2026 -** Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026
- **SPI.SCI.02.2026 -** Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026
- **SPI.SCI.03.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026
- **SPI.SCI.04.2026** - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- **SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità
- **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027

## 27.13 Rapport tal-ilmenti

27.13.1 Kien hemm talba biex isiru linji ta' parkeġġ ġewwa l-Industrija. Ħa jiġi mfittex il-prezz ta' kemm jiswew mil-Koptasin u jingħata dak il-prezz biex ikun jista' jsir.

27.13.2 Il-Kunsill irċieva komunikat b'imejl mingħand is- Sur Calleja għax dan saritlu xi ħsara ġol-ħajt meta saret it-Triq Dun Ġużepp Barbara. Dan sar ftehim mal-kuntrattur u ħa jiġi rranġat il-ħajt.

27.9.9 Ġewwa Triq l-Aħfar hemm double yellow lines ili qegħdin hemm u mhux suppost qegħdin hemm, dan għaliex la l-garaxx u lanqas id- drive-way ma jintużawx. Is-Sindku ħa jkun qed isegwi iktar fuq dan il-każ.

## 27.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

27.14.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 172 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

27.14.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni biex il-lista ta' pagmanei SKeda numru 172 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mil-

Kunsilliera Sa.Loranna Bonniċi, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 27.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.15.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

27.15..2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 t'April, 2026 fil-17:00hrs

27.15.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Matthew Agius Zammit**
*Sindku*

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Franklan Debono**
*Executive Secretary*

**Mozzjoni Ref:** 70 /26 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 172 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Marzu, 2026

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 71 /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 26

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Marzu, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 73 /26/10

Mozzjoni biex jiġu approvati l-iskemi li ngħataw mill-Direttorat għall-Gvern Lokali –

- **SPI.SCI.01.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026
- **SPI.SCI.02.2026** - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026
- **SPI.SCI.03.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026
- **SPI.SCI.04.2026** - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- **SPI.SCI.05.2026** - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità
- **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Marzu, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 72/26/10

Mozzjoni biex l-iskema Clean Up SPI/SCI/02/2026 Inizjattiva Finanzjara Lokalitajiet iktar Nodfa terpa ssir mar-Reġjun Punent

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Marzu, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**